Minuti tal-Laqgħa Nru.28 tar-Raba' Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 19 ta' Settembru 2006 fis-1.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe Piscopo A.(Mus).L.C.M. |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Silvio Schembri<br>Is-Sinjura Monica Camilleri<br>Is-Sur Joe Camilleri<br>Is-Sur Raymond Saliba |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mistoqsijiet
5. Iż-Żjara tad-Delegazzjoni Taljana
6. Stedina għal sehem f'Maratona
7. Ħlasijiet

Kunsill Lokali - Luqa - Local Council
49, Triq San Pawl
Luqa LQA 03

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 27 li , peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joe Camilleri ssekondata mis-Sur Victor Caruana.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Riferenza għall-Minuti ma kienx hemm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza li daħlet sad-19 ta' Settembru 2006, fosthom :

a) Kontra-protest tal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għall-protesta gudizzjarja li l-Kunsill għamel kontra d-deċiżjoni tal-Gvern li ma japprovax id-devoluzzjoni snin ilu mitluba mill-Kunsill ta' biċċa art fi Triq San Tumas;
b) Memo 24/2006 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-tindif taż-żoni rurali;
c) Stedina lis-Sindku mill-Eden Foundation għall-attivita' "Edenfest'06'. Għal din l-attivita' l-Kunsill approva donazzjoni ta' Lm25;
d) Ittra mit-Traffic Management Directorate dwar ir-Road Safety Workshop - Focus on Children' li se jsir il-Ġimgħa , 29 ta' Settembru 2006. Għal dan il-workshop ġew mistiedna biex jattendu s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv;
e) Ittra minn St. Andrew's Football Club dwar għajnuna mill-Kunsill;
f) Ittra mis-Soċjeta' Filarmonika 'L-Unjoni" dwar in-nuqqas ta' preżenza mis-Segretarju Eżekuttiv mill- attivitajiet tagħhom. Peress li l-ittra hija ndirizzata lis-Sindku u lill-Viċi Sindku, it-tweġiba għaliha għandha tingħata minnhom;

- F'dan l-istadju s-Sur Victor Caruana ġibed l-attenzjoni għal inċidenti li qegħdin isiru fis-service road ta' ħdejn il-Mambra bi speed eċċessiv. Qal li dwar dan għadha tikteb l-ADT sabiex jekk huwa possibli l-Kunsill jagħmel sleeping-policeman. Dwar dawn ġie miftiehem li tintbagħat ittra lir-resident.

## 4. MISTOQSIJIET

4.1 Is-Sur Joe Camilleri staqsa tistax titwaħħal bozza ġdida fi Triq Giovanni Bonavia. Dwar din għandha ssir applikazzjoni ma' l-Enemalta

4.2 Is-Sur Raymond Saliba staqsa jekk hux possibli li jsir Stop-Sign ma' l-art f'Qormi Road, quddiem il-Melita. Is-Sindku wieġeb li dwar dan niktbu l-ADT.

4.3 Is-Sur Joe Piscopo staqsa fuq dak iż-żibel li hemm f'Ħal Farruġ ħdejn dgħajsa. Is-Sindku qal li dak irid jitneħħa mill-Kuntrattur inkarigat mill-proġett taż-żona.

LUQA

4.4 Is-Sur Piscopo staqsa wkoll fuq dak li deher fil-gażżetta '' Il-Mument '' li l-Kunsill għandu fuq Lm400.00

4.4.i. Is-Sindku wieġeb li dak li deher fi "Il-Mument" hija ħrafa li kiteb il-Kunsillier Victor Caruana biex jagħmel ħsara lill-Kunsill. U dan meta f'idejh għandu kopja tal-Financial Statements tal-Kunsill iċċertifikati mill-Awditur. Is-Sindku żied igħid li s-Sur Victor Caruana ħeġġeġ ukoll lill-Awditur Ġenerali u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jagħmlu inkjesta għax il-Kunsill fis-sena 2005/2006 kellu bilanċ favorevoli. Mela li kieku kellna żbilanċ x'kien jitlob is-Sur Caruana, staqsa is-Sindku John Schembri.

## 5. IŻ-ŻJARA TAL-DELEGAZZJONI TALJANA

5.1 Is-Sur Silvio Schembri bħala l-Kunsillier responsabbli mill-ġemellaġġi, ta rendikont tax-xogħol li għamlet id-delegazzjoni tal-Kunsill waqt iż-żjara f'Malta tad-delegazzjoni mill-Comune di Fiumicino u mill-Istituto d'Istruzione Superiore Paolo Baffi.

5.2 Min-naħa tiegħu, wara li talba u ngħata l-permess tas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Delegazzjoni Taljana ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-entitajiet li magħhom kellha laqgħat. Qal ukoll li fi tmiem iż-żjara hu, is-Segretarju Eżekuttiv, bagħat jirringrazzja lill-entitajiet kollha konċernati u b'mod partikulari lis-Segretarjat Privat tal-President tar-Repubblika.

## 6. STEDINA GĦAL MARATONA

6.1 Is-Sur Silvio Schembri qal li kif kien diga' qal ħafna ġimgħat ilu, il-komunita ta' Ħal Luqa permezz tal-Kunsill tagħha ġiet mistiedna mill-Comune di Fiumicino biex tieħu sehem f'Maratona, flimkien ma' bliet oħrajn, li se ssir fi Fiumicino bejn id-29 ta' Settembru 2006 u t-2 ta' Ottubru 2006. L-istedina hija għal disa' jew tnax-il persuna li tinkludi wkoll l-akkumpanjaturi.

6.2 Kien hawnhekk li s-Sur Schembri ppropona li bħala akkompanjaturi jkunu dawk il-membri li kienu jifformaw parti mid-delegazzjoni tal-Kunsill li ħadet sehem fil-laqgħat mad-delegazzjoni Taljana waqt li din kienet Malta. Magħhom ikun hemm ukoll il-Kunsillier Joe Camilleri peress li huwa responsabbli mill-isports. F'dan l-istadju kemm il-Viċi Sindku Joe Piscopo kif ukoll il-Kunsilliera Monica Camilleri ddikjaraw li ma setgħux imorru Fiumicino minħabba mpenji ta' xogħol.

6.3 Is-Sur Schembri żied għid li l-Comune di Fiumicino bl-għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja, se tagħmel tajjeb għall-ispejjez kollha, minbarra ta' l-ajru. Qal ukoll li b'kollox se jitilgħu disa' persuni, bejn attleti u akkompanjaturi, u li għalihom kien qed irressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jisponsorja sebgħin fil-mija tal-vjaġġ mill-vot tal-ġemellaġġ. Wara diskussjoni li matulha ġew imwieġba xi domandi, il-Kunsill unanimament approva l-mozzjoni tas-Sur Silvio Schembri li kienet issekondata mis-Sur Joe Camilleri.

LUQA

- Qabel ma l-Kunsill kompla bix-xogħol ta' l-Agenda, is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-Sindku sabiex jagħtih il-permess jitkellem ħalli jiċċara rapport skorrett għall-aħħar li deher fil-ħarġa ta' "Il-Mument" tal-Ħadd, 17 ta' Settembru 2006.

  Wara li ngħata l-permess, is-Segretarju Eżekuttiv qal li qiegħed jagħmel dan sabiex jiċċara l-pożizzjoni tiegħu u titneħħa kull impressjoni ta' xi kompliċita' mas-Sur Victor Caruana f'dak li kiteb fi "Il-Mument".

  Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsillier Victor Caruana mar il-Kunsill u talab lis-Segretarju Eżekuttiv bosta informazzjoni għax sostna (is-Sur Caruana) li l-partit tiegħu qiegħed jiġri warajħ. Is-Segretarju Eżekuttiv taħ bi dritt l-informazzjoni mitluba, dokumentata u verbali. Madankollu minkejja l-informazzjoni korretta kollha li tah, is-Sur Victor Caruana xorta waħda deherlu li fi "Il-Mument" iġib rapport skorrett u bogħod mill-verita' li jista' jitfa' dell ikrah fuq is-Segretarju Eżekuttiv.

- Għal din l-istqarrija tas-Segretarju Eżekuttiv qamet diskussjoni mqanqla li wasslet lis-Sindku John Schembri jiddikjara illi lis-Sur Caruana kien ilu snin jissaportih. Qal li s-Sur Caruana ilu snin ifixkel ix-xogħol tal-Kunsill. U peress li l-impenn li daħal għalih jidher li ma ntlaħaqx u peress li minħabba l-atteġġjament tiegħu m'għandux fiduċja fih, b'seħħ immedjat is-Sindku assuma r-responsabbiltajiet kollha li kellu l-Kunsillier Victor Caruana.

**7. ĦLASIJIET**

7.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sad-19 ta' Settembru 2006 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Victor Caruana vvota kontra l-pagamenti kollha li kienu jinkludu l-pagi ta' l-impjegati.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-3.25 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum 30 ta' Ottubru 2006.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |